# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Lulju 2020**

**Numru 23**

**Rikors numru 675/12 AE**

**Marthese Abela**

**v.**

**Nicola Winter**

**Il-Qorti:**

1. Illi dan huwa appell imressaq mill-intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), fejn u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti (i) ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata; (ii) sabet li l-intimata kellha trodd lura lill-attriċi l-ammont ta' sitta u tletin elf seba' mija u disgħa u tmenin ewro u erbgħin ċenteżmu (€36,789.40); (iii) ikkundannatha tħallas lill-attriċi s-somma msemmija, bl-imgħax legali jibda miexi minn

dakinhar tas-sentenza; u (iv) ordnat li l-kap tal-ispejjeż jinqasam inkwantu għal 65% a karigu tal-intimata, u 35% a karigu tal-attriċi billi s-somma pretiża mill-attriċi ma kenitx dik li eventwalment illikwidat il-Qorti;

2. Bil-kawża mibdija minnha bil-proċedura sommarja speċjali, l-attriċi appellata talbet lill-ewwel Qorti (i) tisma' u tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili [Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta]; (ii) issib li l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u ħamsa u sebgħin Euro (€58,275.00) jew somma verjuri rappreżentanti flus minnha meħuda bla ebda jedd mid-dħul tan-negozju ta' ħwejjeġ, żraben u aċċessorji mibjugħa mill-istabiliment bl-isem "*So Divine*" fil-kumpless kummerċjali *Baystreet* f'San Ġiljan immexxi mill-attriċi; u (iii) tikkundanna lill-intimata tħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u ħamsa u sebgħin Euro (€58,275.00) jew somma verjuri. Talbet ukoll l-imgħax legali u l-ispejjeż;

3. Fl-ewwel smigħ quddiem l-ewwel Qorti, l-intimata appellanta ngħatat id-dritt li tiddefendi ruħha, u minn hemm 'il quddiem il-kawża mxiet bil-proċedura kontenzjuża normali;

4. Fit-Tweġiba Maħlufa tagħha, l-intimata appellanti wieġbet li (i) t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-intimata ma hijiex

debitriċi tal-attriċi għas-somma reklamata mill-istess attriċi; u (ii) kien jaqa' fuq l-attriċi li turi kif jixraq x'kien it-telf li tgħid li ġarrbet u kif ukoll l-approprjazzjoni indebita sofferta minnha li tgħid li l-eċċipjenti għandha twiegeb għaliha;

5. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*3. Wara li l-qorti semghet ix-xhieda u rat il-provi li tressqu, tosserva:-*
>
> *"(i) Fil-hanut So Divine l-konvenuta kienet il-persuna responsabbli sabiex tiddepozita l-flus kontanti u cekkijiet fil-bank. Hi stess fl-affidavit qalet: "The deposits would then be kept in the cash drawer until a deposit would be made…* ***Every few days I would open the drawer, take the envelopes out and take them to the bank to be deposited into Marthese account****……" (fol. 679). Mill-provi rrizulta li bejn l-attrici u l-konvenuta kien hemm relazzjoni tajba hafna u l-attrici kienet tafdaha b'ghajnejha maghluqa.*
>
> *"Il-konvenuta kienet tokkupa kariga ta' fiducja. Kellha dmir li tizgura li d-dhul tal-gurnata jigi depozitat fil-kont bankarju tal-attrici. Dawk kienu l-istruzzjonijiet li nghatat. Kull impjegat ghandu jservi lill-principal bi bona fide u jkun leali fil-qadi ta' dmirijietu. Apparti d-dmirijiet kuntrattwali taghha, il-konvenuta kienet fiducjarja (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili). L-attrici kienet qeghda tafdaha bid-dhul tan-negozju li kellu jigi depozitat il-bank. F'dan il-konvenuta kellha l-kontroll tal-qliegh li kien tal-attrici u certament kellha d-dmir li thares l-interessi tal-attrici.*
>
> *"Fl-affidavit l-attrici qalet li fil-bidu tas-sena 2011 kien sar arrangament sabiex "… manager from Franks would take the deposits to the bank because they wanted to deposit them more regularly rahter than once every three or four days". Mill-provi rrizulta kif per ezempju fix-xahar ta' April u Mejju 2011 l-attrici hadet il-flus biex tiddepozitahom. Mela ghalkemm fl-affidavit tat x'tifhem li b'sehh mill-bidu tas-sena 2011 ma baqghetx tiddepozita flus, il-provi juru mod iehor. Inoltre, jekk hi ma baqghetx responsabbli ghad-depozitu tal-flus, ir-raguni tghidlek li ma kenitx ser tiffirma d-dikjarazzjoni datata l-1 ta' Gunju 2012. Dan iktar u iktar meta mill-provi rrizulta li sa dak l-istadju kienet saret indagni biss fuq l-ahhar ftit xhur. Jissemma wkoll kif fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2014 il-konvenuta qalet: "****Jiena nikkonferma illi meta jien kont ninzerta xoghol, id-depoziti kont responsabbli ghalihom jiena****". Il-konvenuta ma semmietx li gie zmien meta waqfet milli taghmel depoziti.*

*"(ii) Jidher li meta l-konvenuta ffirmat id-dikjarazzjoni tal-1 ta' Gunju 2012 ma ammettietx li serqet flus. Dan minkejja li Noel Abela xehed li: "…. **Ammettiet li kienet izzomm ghaliha l-flus tad-depoziti** u ghazlet li tiffirma dikjarazzjoni ta' responsabbilta" (fol. 33). Ingrid Attard, impjegata ta' Frank Stores Limited u kienet prezenti ghal laqgha tal-1 ta' Gunju 2012*[1]*, qalet:-*

> *"**Fl-ebda stadju tal-laqgha Mrs Winter ma ammettiet li hadet il-flus ghaliha personali. Hi qalet li ladarba kienet responsabbli ser taghmel tajjeb hi ghan-nuqqas**, imma ma tathomx sodisfazzjon ta' x'wassal biex ikun hemm dan in-nuqqas ta' flus" (fol. 676).*

*"Madankollu bid-dikjarazzjoni kienet qeghda tikkonferma li kienet ser taghmel tajjeb ghall-flus li suppost gew depozitati fil-kont tal-attrici u li fir-realta' ma gewx. Hu evidenti li l-konvenuta ffirmat id-dikjarazzjoni liberament. Sahansitra waqt il-laqgha kienu qalulha li jekk trid setghet tiehu parir qabel tiffirma d-dikjarazzjoni, izda xorta ghazlet li tiffirma*[2]*. Fl-affidavit l-attrici qalet:-*

> *"She then showed me a declaration paper saying that if I felt that I was responsible for these deposits I would sign this and pay what was missing which was for the amount of about 2700" (fol. 682).*

*"Madankollu in kontro-ezami qalet: "Nahseb li huwa minnu dak li qed jissuggerixxi d-difensur tal-attrici li **dik ic-cifra kienet qed tirreferi ghal somma flus li nstabet nieqsa ghall-ahhar perjodu**" (fol. 737). Ingrid Attard kkonfermat li waqt il-laqgha kienet issemmiet cifra li tkopri l-ewwel hames xhur tas-sena 2012. Qalet ukoll li dakinhar l-attrici u Noel Abela kienu qalulha li "…. Ser jinvestigaw iktar lura fis-snin, ghax din kienet biss parti mill-istorja" (fol. 675). Mela meta ffirmat, il-konvenuta kienet taf li s-somma ta' €2,700 ma kenitx finali u li l-indagni kienet ser tmur lura s-snin. Madankollu xorta ghazlet li tiffirma, ghalkemm il-qorti hi konvinta li qatt ma hasbet li s-somma pretiza kienet ser tkun daqstant gholja. Fiha nnifisha d-dikjarazzjoni li ffirmat fl-1 ta' Gunju 2012 hi obbligazzjoni li l-konvenuta assumiet u li issa trid twettaq.*

*"(iii) Mis-16 ta' Lulju sat-23 ta' Ottubru 2011 il-konvenuta kienet bil-maternity leave. Jirrizulta li f'dak il-perjodu d-depoziti kienu qeghdin isiru (ara Dok. NA04 u rendikont tal-kont bankarju fejn kienu jigu depozitati l-flus). Perjodu li matulu l-konvenuta ma kenitx qeghda tmur xoghol u ghalhekk id-depozitu sar minn haddiehor. Indizju li fih innifsu juri li xi haga hazina kienet qeghda tigri fil-perjodi l-ohra.*

---

[1] Xhud li giet prodotta mill-attrici.

[2] F'dan il-kuntest ara deposizzjoni ta' Ingrid Attard (fol. 676). Il-konvenuta stess xehdet: *"Nikkonferma li waqt il-laqgha Ingrid kienet ipproponietli li ma niffirmahx id-dokument, l-ewwel niehdu mieghi d-dar, nurih ukoll jekk hemm bzonn lil zewghi jew avukat imbaghad natihom risposta. Hekk qalet veru. Min-naha ta' Marthese kienet lesta li tilqa' l-proposta ta' Ingrid. Qalet ok, no problem, if you need time"* (fol. 737).

*"(iv) Il-konvenuta kkonfermat granet matul April 2011 li dwarhom id-dhul iddepozitatu l-bank (fol. 739). Pero' mir-rendikonti tal-kont 40018330777, jirrizulta li fir-rigward tal-granet fejn l-attrici kkonfermat li hadet il-flus biex tiddepozitahom il-bank, hemm dhul li ma giex depozitat. Hekk per ezempju d-dhul tal-5, 11, 13, 18, 20, 21 u 24 ta' April 2011. Il-konvenuta ma tat l-ebda spjegazzjoni ta' x'gara.*

*"Fl-affidavit l-attrici qalet:-*

> *"On the document affidavit of Marthese Abela at the back there are the copies of the deposit tracking sheets and on the 6th April 2011 you will find the signature of a deposit being signed for and taken by someone else, this signature is not by any of the So Divine staff, his deposit was marked missing. Also dated from the 7th – 10th April 2011 someone had written my name that I had taken the deposits but in fact this is not my handwriting so someone else had signed for them" (fol. 680).*

*"F'dan ir-rigward il-qorti hi tal-fehma li:-*
*"(a) ghalkemm fir-rigward tas-6 ta' April 2011 hdejn ic-cifra €160 tidher il-firma ta' haddiehor ingassata, dan 'il fatt m'huwiex bizzejjed biex iwassal lill-qorti tikkonkludi li t-tezi tal-konvenuta hi l-verita. Dan apparti li hemm il-firma tal-konvenuta proprju fuq dik ingassata u sinjal "**]**" li fil-fehma tal-qorti jdghajjef it-tezi tal-konvenuta.*
*"(b) l-kalligrafija bl-isem* ***niki*** *ghall-granet 7-10 ta' April m'hijiex differenti minn dawk li l-konvenuta gharrfet waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2013, u li qeghdin fl-istess dokument (Deposit Tracking Sheet ghax-xahar ta' April 2011, fol. 668 u 741).*

*"Sahansitra fit-deposit tracking sheet ghax-xahar ta' Mejju 2011 (fol. 667) taht il-kolonna 'cheques' hemm l-isem niki. Jidher li dik hi l-firma tal-konvenuta u hdejha hemm data, li l-qorti qeghda tifhem tirreferi ghad-data meta ngabru l-envelopes bil-flus fihom. Mill-provi rrizulta li d-dhul tal-4, 5, 9, 20, 23 u 24 ta' Mejju 2011 ma giex depozitat fil-bank. Dwar dan ukoll il-konvenuta ma tat l-ebda spjegazzjoni.*

*"(v) L-accounts tan-negozju So Divine kien jaghmilhom certu Darren Aquilina, li sa Dicembru 2010 kien impjegat ma' kumpannija tal-familja tal-attrici. Spjega li qiesu kull erba' xhur kien ihejji management accounts; "Min-naha tieghi jiena ma kontx naghmel checking ta' jekk is-sales ikunux gew deposited, fis-sens li ma kontx naghmel l-ebda paragun bejn is-sales li jigu registrati direttament fis-sistema taghna. Sakemm domt naghmel dax-xoghol ghas-sinjura Marthese Abela qatt ma kont ghamilt xi ezercizzju li naghmel paragun bejn is-sales u d-deposits. Dan ma kienx parti minn xogholi" (fol. 886). Kompla jghid: "Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-bank deposits, nista' nikkonferma li dawn konna nircevuhom l-ufficcju. Jien ma kont naghmel xejn dwarhom hlief li naghmilhom filing". 'Il fatt li kien biss snin wara li nqala' dan il-kaz ma jfissirx li kollox kien ghaddej sew. Hu minnu li x-xhud kompla jghid li kieku kien hemm diskrepanzi kbar bejn id-dhul u dak li qieghed jigi depozitat, kien jinduna. Madankollu qal ukoll: "….* ***qatt ma ghamilt ezercizzju ta' reconciliation bejn il-bank statements fejn ghandek***

***id-deposits u deposit slips**. Nikkonferma li meta tqabbel iz-Z readings mal-bank statements, suppost ghandhom jaqblu c-cifri bejniethom. Dan diment ovvjament li l-cash inkun qieghed jigi ddepozitat" (fol. 887). Hu evidenti li x-xhud ma ghamel l-ebda ezercizzju ta' verifika biex jara jekk il-flus kontanti gewx depozitati fil-kont tan-negozju. Irrizulta li dan ma kienx jaqa' fid-dmirijiet tieghu u qatt ma ghamel ezercizzju simili. M'hemmx dubju li sabiex tkun tista' tasal ghal xi konkluzjoni trid taghmel ezami dettaljat tar-rendikonti, kif jidher li sar minn Noel Abela. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-konvenuta li mid-deposizzjoni ta' Aquilina jirrizulta li ma kienx hemm id-diskrepanzi li ssemmew minn Noel Abel.*

*"(vi) Il-konvenuta ma tat l-ebda spjegazzjoni ta x'seta' wassal biex dhul min-negozju ma giex depozitat il-bank. Hi kienet il-persuna responsabbli sabiex taghmel id-depoziti. Kellha d-dmir li tizgura li l-qliegh jigi depozitat il-bank. Hu minnu li kien hemm okkazzjonijiet meta d-depoziti saru minn terzi. Pero' din ma kenitx ir-regola. Il-konvenuta kellha d-dmir li tghid x'sar mill-flus li suppost gew depozitati fil-kont tal-attrici. Hu facli tghid li m'ghandekx spjegazzjoni ta' x'sar mill-flus u tikkritika l-provi li tressaq il-parti l-ohra. Pero' dan m'huwiex bizzejjed biex jezonera lill-konvenuta mir-responsabbilta.*

*"(vii) Fl-affidavit il-konvenuta semmiet li jekk kien hemm okkazzjonijiet meta l-ufficjal tal-bank isib fl-envelope inqas flus minn dak dikjarat fid-deposit slip, kienu jikkomunika maghhom. Pero' dan m'huwiex rilevanti ghal kaz in ezami, peress li l-kaz jitratta dwar qliegh kollu ta' granet partikolari li qatt ma gie depozitat fil-bank.*

*"(viii) Gew prezentati wkoll rendikonti ta' kontijiet bankarji ohra f'isem l-attrici (fol. 742-820). Id-difensur tal-konvenuta jsostni li l-ezercizzju ta' Noel Abela ma kienx jinkludi ezami tad-depoziti li saru f'dawk il-kontijiet. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx prova li l-konvenuta kienet qeghda tiddepozita f'xi kont iehor. F'dan ir-rigward l-oneru tal-prova kien fuqha gialadarba hi kienet qeghda tiddepozita l-flus. Dan apparti li fid-deposit slips mehmuza mal-affidavit ta' Noel Abela u li jirreferu ghall-flus li fil-fatt qatt ma gew depozitati l-bank, hemm imnizzel il-kont numru 40018330777. Inoltre, dak hu l-uniku kont bl-isem ta' So Divine. Il-konvenuta bhala l-persuna li kienet tmur il-bank tiddepozita flus kellha d-dettalji tal-kont li fih tiddepozita l-flus tal-attrici. Fl-affidavit qalet: "On making a deposit I would put in my cash link card, click deposits **enter the account number that was on the deposit envelope**, enter the amount that was shown on the envelope and insert the envelope……" (fol. 680). Ghalhekk in-numru tal-kont kien jittiehed minn fuq id-deposit slip. Dokumenti li fihom hemm dikjarat il-kont 40018330777 u mhux wiehed mill-kontijiet l-ohra li dwarhom gew prezentati r-rendikonti. Fl-affidavit qalet ukoll li l-flus kienet tiddepozitahom "..into Marthese account". Il-konvenuta qatt ma qalet li l-flus kienu jigu depozitati f'kontijiet differenti. Ghalkemm id-difensur tal-konvenuta pprova johloq dubju, fil-fehma tal-qorti dan id-dubju ma jezistix.*

*“(ix) Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenuta qal li fid-Deposit Tracking Sheets kien hemm il-firma u l-isem tal-persuna li tkun ghamlet id-depozitu fil-bank, u li f’hafna istanzi l-isem m’huwiex tal-konvenuta. Kliem li l-konvenuta qatt ma qalitu. Jekk kien qieghed jirreferi ghar-raba’ u hames kolonna ta’ dawk id-dokumenti (per ezempju fol. 666-668), il-qorti ma taqbilx. Irrizulta li l-inizjali u l-isem tal-persuna huma tal-persuna li tkun ghalqet il-gurnata, cjoe’ li kienet fil-hanut fl-ahhar tal-gurnata u mhux tal-persuna li kienet qeghda taghmel id-depozitu. F’dan ir-rigward ukoll il-konvenuta xehedet: “Veronique kienet bhala full timer, kienet sales assistant.* ***Taht il-kolonna signature hemm l-inizjali. Dak isir meta tkun ghalaqt il-gurnata****, fl-ahhar tal-gurnata meta naghlqu l-hanut” (fol. 739).*

*“Il-konkluzjoni tal-qorti hi li l-konvenuta zammet flus li suppost iddepozitat fil-kont tal-bank tal-attrici.*

*“Il-qorti ser tghaddi biex tikkunsidra s-somma li qeghda tippretendi l-attrici. Noel Abela kkonkluda li s-somma dovuta hi ta’ €58,275. Hu spjega kif wasal ghal din is-somma:*

> *“9. Mill-ezercizzju li ghamilt jien irrizulta li d-diversi ammonti ta’ flus li jirrizultaw mill-faxxikolu NA02 u li jirraprezentaw il-qliegh tad-diversi granet indikati fid-dokument NA01 mill-istabbiliment So Divine ma gewx depozitati fil-kont bankarju numru 40018330777 li jservi ghal dan l-iskop;*
>
> *10. Dan jien stajt nikkonstatah billi qabbilt id-dokumenti ezibiti bhala faxxikolu NA02 mat-Transaction History Report tal-Bank of Valletta hawn anness u mmarkata NA03 u nirrikoncilja d-depoziti li saru mad-daily takings;*
>
> *11. Illi jirrizulta li d-daily takings riportati fil-Customer Paying-In Record Form tal-Bank of Valletta diga ezibiti fil-faxxikolu NA02 ma jaqblux ma’ l-ammonti depozitati fil-bank mill-persuna responsabbli ghad-depoziti*
>
> *12.* ***Nispjega illi huma l-ammonti migbura f’cash fl-ahhar tal-gurnata li ma kienux qieghdin jigu depozitati****. Dawk migbura f’cekkijiet u/jew cards gew rikonciljati” (fol. 36).*

*“Il-konvenuta naqset milli taghmel verifiki dwar l-ezercizzju li ghamel Noel Abela. Min-naha l-ohra ‘l fatt li l-konvenuta ffirmat id-dikjarazzjoni esebita a fol. 7 ma jfissirx li dik hi s-somma li ghandha tithallas. F’dan ir-rigward il-qorti tosserva:-*

> *“(i) Irrizulta kif ghal dak li jikkoncerna depoziti li saru fil-kont fuq imsemmi, Noel Abela bbaza fuq it-taghrif li hemm fil-bank statements ghall-perjodu in kwistjoni. Ma jirrizultax li Noel Abela talab minghand il-bank id-dokumentazzjoni li tirrelata ghad-depoziti kollha li saru fil-kont matul Settembru 2009 sa Marzu 2012.*
>
> *“(ii) Hemm depoziti li jissemmew f’dokument NA04, li pprezenta Noel Abela stess, li ma tnaqqsux mis-somma reklamata. F’dan ir-rigward Noel Abela ma tax spjegazzjoni ghalfejn dawn ma tnaqqsux. Ghalkemm*

*jidher li dawn l-ammonti ma jaqblux mad-dhul registrat fiz-Z readings u dikjarat fid-deposit slips matul il-perjodu li ghalih jirreferi d-depozitu partikolari, jibqa' 'l fatt li:-*

*"(a) L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghal x'hiex kienu jirreferu;*
*"(b) L-attrici stess qalet li d-depoziti min-negozju So Divine kienu jsiru fl-isemmi kont;*

*"(iii) Irrizulta wkoll li kien hemm drabi meta d-depoziti saru minn terzi. F'dan il-kuntest issir riferenza ghad-deposizzjoni tal-attrici fejn qalet li d-depozitu kien isir minn haddiehor jekk per ezempju l-konvenuta tinzerta marida (seduta tas-7 ta' Dicembru 2012, fol. 652)[3].*

*"(iv) Jirrizulta li fix-xhur ta' Settembru u Ottubru 2009 id-depoziti fil-kont kienu jeccedu d-dhul registrat f'dak ix-xahar. Ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn dan ma ttiehedx in konsiderazzjoni u ghax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2009 l-attrici tippretendi s-somma ta' €2,250 (ara Dok. NA01 a fol. 39 u pparagunah ma' Dok. NA04 a fol. 619 u rendikonti tal-bank).*

*"(v) Il-qorti rat ir-rendikonti kollha tal-kont numru 40018330777 ghall-perjodu Settembru 2009 sa Marzu 2012, u jirrizulta li hemm depoziti li ma tnizzlux fid-dokument NA04. L-attrici ma tat l-ebda spjegazzjoni ghalfejn. Fil-fehma tal-qorti d-dubju ghandu jimmilita favur il-konvenuta.*

*"(vi) Bejn id-29 ta' Lulju 2010 u 11 ta' Awissu 2010 il-konvenuta kienet fuq marriage leave. Hu fatt li mit-taghrif li ta Noel Abela jirrizulta li d-dhul tat-30 u 31 ta' Lulju u 3, 4, u 9 ta' Awissu ma giex depozitat il-bank. Id-difensur tal-konvenuta jsostni li dan fih innifsu juri id-dghjufija tal-kaz tal-attrici. Madankollu mill-provi rrizulta li fil-31 ta' Lulju u 2 u 5 ta' Awissu il-konvenuta rraportat ghax-xoghol. Hu evidenti li l-attrici ma tistax tinzamm responsabbli ghas-somma ta' **€480** relatata mad-dhul fid-9 ta' Awissu 2010 peress li dakinhar kienet bil-leave u mid-dokumenti jirrizulta li fl-10 ta' Awissu 2010 kien gew depozitati diversi ammonti ta' flus fil-kont bankarju fuq imsemmi (ara fol. 839). Madankollu ma jirrizultax li l-persuna li ddepozitat il-flus, li zgur ma setatx kienet il-konvenuta, inkludiet is-somma ta' €480.*

*"Id-difensur tal-konvenuta ghamel riferenza ghal fatt li fil-kalkoli li saru minn Noel Abela ma kkunsidrax spejjez li kienu qeghdin isiru fin-negozju So Divine. Fil-fehma tal-qorti dan ma kienx mehtieg. Li hu rilevanti huma s-somom li kellhom jigu depozitati fil-bank. Cifri li jirrizultaw mill-Customer's Paying-In Record Form tal-bank u Deposit Tracking Sheet. Jirrizulta li x-xhud ra wkoll iz-Z readings u d-Daily Cash Reconciliation Report ghal kull wahda mill-granet li fihom irrizulta li ma sarx id-depozitu. Id-dokumenti juru l-flus kontanti li kellhom jigu depozitati.*

---

[3] *"Jekk tinzerta l-konvenuta ma tigix ghax-xoghol id-deposit kien jiehu hsieb jaghmlu manager tal-hanut Franks"* (fol. 652). Fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2013 l-attrici qalet: *"[…] kien hemm dawk l-okkazzjonijiet, li ma kienux ta' spiss, fejn Manager ta' Franks jaghmel id-depozitu hu peress li Nicola ma tkunx giet ghax-xoghol. Kien hemm drabi wkoll fejn id-deposits kienu saru minn Noel u Vanessa li tahdem fil-Human Resources. Jista' jkun li kien hemm xi depoziti li kienu saru minn Darren Aquilina"* (fol. 692).

*"Mehud in konsiderazzjoni ta' dak li nghad hawn fuq il-qorti ghamlet il-kalkoli taghha (ara Skeda I mehmuza mas-sentenza)[4] u tikkonkludi li s-somma li ma gietx depozitata kienet* ***erbghin elf tmien mija u seba' u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€40,877.11)****. Minn din ic-cifra l-qorti ser tnaqqas arbitrio boni viri 10%[5] biex b'hekk tkun qeghda tiehu qies ta' depoziti li ghal xi ragun jew ohra kellhom isiru minn terzi u li setghu ma sarux. Ghalhekk is-somma dovuta mill-attrici hi ta'* ***sitta u tletin elf seba' mija u disgha u tmenin ewro u erbghin centezmu (€36,789.40)****.*";

6. Illi bir-Rikors tal-Appell tagħha mressaq fit-3 ta' Frar, 2015, l-appellanti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tilqa' l-aggravji tagħha u tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, billi tiċħad it-talbiet attriċi kollha u, minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

7. Permezz ta' Risposta mressqa fid-19 ta' Frar, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellata warrbet l-aggravji kollha tal-appellanti u saħqet li s-sentenza appellata hija tajba u li din il-Qorti jmissha tikkonfermaha u tiċħad l-appell mressqa minnha, bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

8. Rat id-digriet tagħha tat-18 ta' Frar, 2020, li bih u għar-raġunijiet hem imsemmija, ċaħdet talba magħmula mill-appellata b'rikors tagħha tal-5 ta' Frar, 2020, li bih tablet li titħalla tressaq kopja ta' rapport ta' perit

[4] Fir-rendikonti tal-bank hemm numru ta' depoziti li jaqraw *"Deposit Value Date"* u data. Il-qorti ma kkunsidratx dawn id-depoziti ghaliex fehemet li dawn jirrelataw ghal depoziti li jkunu saru b'cekk. Il-kaz in ezami jitratta dwar depoziti ta' flus kontanti.
[5] Din tinkludi s-somma ta' €480 (ara l-parti tas-sentenza li titratta dwar depoziti matul il-perjodu tal-*marriage leave*).

komputista li kien tressaq fl-atti tal-Kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-konfront tal-appellanti;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta’ Frar, 2020, u kif ukoll id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta’ Lulju, 2020, li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x’iressqu lill-Qorti u li din il-Qorti kif rikomposta setgħet tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża;

11. Rat id-digriet tagħha li bih ħalliet l-appell għas-sentenza;

***Ikkonsidrat***

12. Illi din hija azzjoni ta’ radd lura ta’ ħaġa meħuda bla jedd. L-attriċi appellata talbet ir-radd lura ta’ somma ta’ flus li tirrappreżenta diskrepanzi bejn il-flus mill-bejgħ u dawk attwalment depożitati fil-kont bankarju tal-appellata. L-appellanti kienet taħdem f’ħanut immexxi mill-appellata u kienet, fost l-oħrajn, imqabbda biex tiddepożita d-dħul mill-bejgħ tal-jum mill-istess ħanut f’kont bankarju f’isem l-appellata. L-appellata xliet lill-appellanti li, fuq medda ta’ snin, żammet għandha xi flus mid-dħul bla ma poġġiethom fil-kont bankarju msemmi. L-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-

eċċezzjonijiet imressqa mill-appellanti, laqgħet it-talbiet tal-appellata. L-appellanti ħassitha aggravata mis-sentenza appellata u ressqet dan l-appell;

13. Illi l-aggravji tal-appellanti mis-sentenza appellata huma li (i) l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi li wassluha biex ħaddmet il-liġi b'mod ħażin, billi qieset lill-appellanti bħala *manager* u mponiet fuqha obbligi fiduċjarji skont l-Artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili, meta dan ma kienx ir-rwol tagħha; (ii) l-appellata m'għandhiex interess ġuridiku tressaq din il-kawża billi ma kien hemm ebda kuntratt ta' impjieg bejn l-appellata u l-appellanti, għaliex l-appellanti kienet impjegata ma' ħaddieħor u mhux mal-appellata; u (iii) l-ewwel Qorti naqset għaliex, mill-provi mressqa, ma kellhiex biżżejjed fuqhiex issib ħtija u kellha tiċħad it-talbiet attriċi; u (iv) l-ewwel Qorti naqset meta qieset d-dikjarazzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2012, bħala obbligazzjoni li l-appellanti kellha twettaqha;

14. Illi **dwar l-ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat meta qisitha bħala manaġer fl-impjieg li hija kellha fl-istabiliment tal-appellata, meta mill-provi jirriżulta li l-appellanti kienet impjegata bħall-impjegati l-oħra li kienu jaħdmu hemmhekk. Minħabba f'hekk, l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti għabbietha b'obbligi onerużi, meta dan ma kellux ikun;

15. Illi l-appellata twarrab bil-qawwa dan l-aggravju u ssejjaħlu fieragħ. Tgħid li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi li wassluha biex tqis lill-appellanti bħala persuna li kienet tħaddan obbligazzjonijiet fiduċjarji. Tgħid ukoll li l-appellanti nnifisha stqarret matul is-smigħ tal-kawża li l-impjieg tagħha mall-appellata kien dak ta' manaġer fil-ħanut tal-appellata;

16. Illi ma hemmx dubju li l-biċċa ewlenija ta' dan l-ewwel aggravju huwa msejjes fuq il-kwistjoni tal-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[6]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa*

[6] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[7];

17. Illi l-Qorti rat ix-xhieda mogħtija mill-appellanti quddiem l-ewwel Qorti[8] magħdud il-kontro-eżami li sarilha mill-avukat tal-appellata[9], fejn hija tistqarr li l-impjieg tagħha mal-appellata kien bħala manager ġol-istabbiliment tal-appellata[10]. Fil-qafas tad-dikjarazzjoni li hija ffirmat f'Ġunju, 2012[11], l-appellanti tgħid li kienet lesta li terfa' r-responsabbilità li din il-kariga kienet iġġib magħha;

18. Illi mill-istqarrijiet infushom tal-appellanti, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-eżerċizzju ta' apprezzament tal-provi mwettaq mill-ewwel Qorti u li wassalha biex tqis lill-istess appellanti bħala persuna b'obbligi fiduċjarji ma juri l-ebda nuqqas jew irraġonevolezza. Kien ġudizzju msejjes fuq il-provi, u xejn anqas l-istqarrija tal-appellanti nnifisha fuq il-pedana tax-xhieda, li juru li l-appellanti, fil-kariga li kienet impjegata biha, kienet taf sewwa x'kien mistenni minnha bħala manaġer tal-istabbiliment;

---

[7] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

[8] Ara paġ. 737 tal-proċess

[9] Ara paġ. 1079 tal-proċess

[10] Affidavit tagħha f'paġ. 680 tal-proċess

[11] Dok. "B" f'paġ. 7 tal-proċess

19. Illi l-Qorti tqis li, lil hinn mis-sura ta' azzjoni ta' radd lura ta' indebitu li biha l-appellata ressqet din il-kawża, l-obbligazzjonijiet fiduċjarji jitnisslu fost oħrajn mill-assunzjoni ta' kariga, u allura kienu jaqgħu fuq l-appellanti dmirijiet li l-istess liġi tippreskrivi[12], fosthom u mhux l-anqas dak li twettaq dmirijietha bl-akbar *bona fide* u li teżerċita l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja. Din ir-rabta fiduċjarja tnisslet bil-fatt innifsu tar-responsabbiltajiet li l-appellanti ħadet fuqha fuq medda ta' snin[13]. Dan jgħodd ukoll jekk dik il-persuna tkun f'impjieg f'kariga maniġerjali[14];

20. Illi l-effett ta' xi nuqqas fit-twettieq ta' xi dmir bħal dak iwassal lill-persuna li tkun marbuta b'rabta fiduċjarja bħal dik li tagħmel tajjeb lill-persuna li tkun hekk fdatha, u dan bla ħsara għal kull rimedju ieħor skont il-liġi[15]. B'żieda ma' dan irid jingħad li, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-appellanti kienet intrabtet li d-dħul tal-jum mill-ħanut kellha tiddepożitah f'kont bankarju personali tal-appellata. Għalhekk, din ir-rabta kienet intlaqgħet mill-appellanti kemm bis-saħħa tal-kuntratt tal-impjieg tagħha u kif ukoll fir-rigward tal-appellata personalment;

---

[12] Art. 1124A(4) tal-Kap 16

[13] Ara App. Ċiv. **28.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Lapira vs Alexander Friġġieri pro et noe*** dwar il-qafas ta' att fiduċjarju kif maħsub fl-art. 1124A tal-Kap 16

[14] App. Ċiv. **28.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Caruana & Sons Ltd. vs Christopher Caruana***

[15] Art. 1124A(5) tal-Kap 16

21. Illi għalhekk din il-Qorti m'għandha xejn xi tmaqdar fl-apprezzament imwettaq mill-ewwel Qorti, kemm dwar il-fatti li joħorġu mill-atti u wkoll fit-tħaddim tal-liġi li tgħodd għall-każ u tqis li dan l-ewwel aggravju tal-appellanti mhux mistħoqq u għalhekk mhux se jintlaqa';

22. Illi bit-**tieni aggravju**, l-appellanti tattakka l-azzjoni attriċi u tgħid li din messha qatt ma tressqet billi bejnha u l-appellata ma kien hemm ebda kuntratt ta' impjieg, ladarba hija kienet impjegata ma' Frank Travel Retail Limited jew Lawrence Abela. Tgħid għaldaqstant li jonqos fl-appellata l-interess ġuridiku meħtieġ biex tressaq din l-azzjoni;

23. Illi l-appellata tilqa' għal dan l-aggravju u tgħid li filwaqt li Lawrence Abela huwa żewġha, dan l-aggravju ma jistax jitqajjem f'dan l-istadju tal-proċeduri. Minbarra f'hekk, iżżid tgħid li l-appellanti taqa' f'kontradizzjoni minħabba waqt li, f'nifs, tgħid li jonqos l-interess fl-appellata, f'nifs ieħor tgħid li kienet l-appellata li temmitilha l-impjieg tagħha;

24. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ta' parti f'kawża hija waħda ta' ordni pubbliku u tista' titqajjem f'kull stadju tal-kawża, u jista' jkun ukoll mill-Qorti minn rajha[16]. Madankollu, l-liġi tirregola kif tista' titqajjem eċċezzjoni bħal din, ukoll jekk din tkun waħda

[16] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Chircop vs Joseph Chircop*** u App. Inf. PS **19.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Veronique Amato Gauċi et vs Marco Żammit et***

perentorja[17]. Sa ma qegħda tingħata din is-sentenza, l-appellanti ma ressqet qatt eċċezzjoni formali dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-appellata u lanqas tablet li titħalla tressaq tali eċċezzjoni. Huwa minnu wkoll li l-appellanti ma qajmitx il-kwistjoni quddiem l-ewwel Qorti u għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif issa qegħda tressaq in-nuqqas ta' interess ġuridiku fl-appellata bħala aggravju minn sentenza li din il-kwistjoni ma ntalbet tqisha fl-ebda waqt. Għalhekk, filwaqt li tagħmel tagħha referenza għas-sentenzi msemmija mill-appellata fir-Risposta tagħha tal-appell[18], issib li t-tqanqil ta' din il-kwistjoni huwa irritwali[19];

25. Illi, minbarra dan, il-Qorti ma ssibx li l-appellanti tgħid sewwa li jonqos l-interess ġuridiku fl-appellata biex tressaq il-kawża tal-lum. Kif ingħad qabel f'din is-sentenza[20], ir-rabta fiduċjarja li assumiet l-appellanti ma kinitx limitata bir-rabtiet kuntrattwali tal-impjieg tagħha, iżda wkoll b'dik personali lejn l-appellata minħabba li kienet din il-benefiċjarja effettiva tal-kont bankarju li fih kellhom isiru d-depożiti tal-flus mid-dħul tan-negozju tal-ħanut. Din iċ-ċirkostanza turi li l-interess ġuridiku tal-appellata huwa kemm dirett, personali u kif ukoll attwali;

---

[17] Art. 732(1) tal-Kap 12
[18] Paġġ. 1136 sa 1137 tal-proċess
[19] App. Inf. PS **25.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Ltd noe et vs Raymond Azzopardi***
[20] § 20 *supra*

26. Illi għalhekk il-Qorti qegħda twarrab dan l-aggravju bħala mhux mistħoqq;

27. Illi t-**tielet aggravju** jolqot il-mertu tal-kawża li l-Qorti għandha quddiemha. L-appellanti, għal darb'oħra, taħt dan l-aggravju tattakka d-diskrezzjoni li wettqet l-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha u tgħid li, fil-fehma tagħha, kellhom iwassluha biex tiċħad it-talbiet attriċi għaliex ma tressqetx il-prova fuq l-ammont mitlub. Tgħid li d-depożiti tal-flus fil-bank mill-bejgħ ta' kuljum kienu jsiru minn aktar minn persuna waħda, u mhux biss minnha, u tixħet il-ħtija ta' dak li ġara fuq l-appellata li naqset li tivverifika l-kotba tagħha f'waqthom u qajmet il-kwistjoni biss żmien wara li kienet temmitilha l-impjieg;

28. Illi l-appellata tgħid li dan l-aggravju ma huwa xejn għajr stedina lil din il-Qorti biex tibdel id-diskrezzjoni tagħha minflok dik eżerċitata mill-ewwel Qorti. Tiġbed l-attenzjoni ta' din il-Qorti għat-tieni talba attriċi li kienet tirrigwarda flejjes li ma ġewx depożitati fil-kont bankarju tagħha meta kienu taħt il-kontroll tal-appellanti, u għall-verżjoni tal-fatti f'dan ir-rigward kif ippreżentati mill-appellata u d-dokumenti varji u dettaljati li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u stħarrġet b'reqqa;

29. Illi l-Qorti ttenni dak li ngħad aktar qabel fir-rigward tal-ewwel aggravju[21] u ssib li jgħodd għal dan l-aggravju wkoll. Iżżid tgħid li fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2012, iffirmata mill-appellanti nnifisha, din il-Qorti ma tarax kif l-appellanti tista' tistenna li l-ewwel Qorti ma kellha ssibha debitriċi tal-appellata fl-ebda ammont. Din il-Qorti ssib ukoll li ma tistax toqgħod fuq l-argument tal-appellanti dwar x'seta' sar mill-flus tad-dħul u minn fejn kellhom jitħallsu l-ispejjeż marbuta mat-tmexxija tal-ħanut, ladarba hija qatt ma ressqet prova li turi li kienet intrabtet jew tqabbdet mill-appellata biex tħallas fi flus kontanti għas-servizzi ta' dawl, ilma u servizzi oħrajn li tirreferi għalihom;

30. Illi qari tas-sentenza appellata jixhed li l-ewwel Qorti qieset aktar milli sewwa l-provi li nġabu quddiemha. Is-sentenza appellata turi eżami mirqum tal-aspetti fattwali rilevanti kollha u dan joħroġ mill-eżerċizzju mhux qasir ta' tqabbil tal-provi mressqa minn kull parti u mhux min-naħa waħda biss. Tqis li l-ammont li waslet għalih l-ewwel Qorti bħala dovut mill-appellanta huwa bbażat fuq osservazzjonijiet tajba li jistħoqqilhom jiġu milqugħa. Tqis li l-Iskeda li l-ewwel Qorti hemżet mas-sentenza appellata tixhed li hija fliet b'reqqa t-tagħrif dokumentali li tressaq quddiemha u tat widen lill-argumenti li kull parti dehrilha li kellha tressaq. Minbarra dan, l-ewwel Qorti tat raġunijiet kongruwi u raġonevoli tal-apprezzament tal-provi magħżulin minnha;

---

[21] §§ 16 – 7 *supra*

31. Illi dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad ukoll dan l-aggravju bħala mhux mistħoqq;

32. Illi b'riferenza għar-**raba' aggravju**, l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti naqset li tħaddem sewwa l-prinċipji legali marbuta mal-istqarrija magħmula fil-kitba tal-1 ta' Ġunju, 2012, meta qieset l-istess stqarrija bħala obbligazzjoni li hija assumiet fil-konfront tal-appellata u li trid titwettaq minnha. Hija tgħid li dik il-kitba kellha titfisser fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali li rriżultaw u li kienu magħrufa dak iż-żmien u li wassluha biex tiffirmaha. B'mod partikolari, l-appellanti tisħaq li lanqas f'dik il-kitba ma qatt stqarret li l-flus misjuba nieqsa kienet ħadithom hi, u li, fiż-żmien li saret il-kitba, "ċ-ċifra reklamata mill-attriċi ma kienetx teċċedi l-elfejn u seba' mitt euro (€ 2,700)". Hija tgħid li t-tifsira li l-ewwel Qorti tat lil dik il-kitba ġabitha li daħlet responsabbli wkoll għal nuqqasijiet f'depożiti li setgħu saru minn ħaddieħor;

33. Illi l-appellata twarrab dan l-aggravju u tgħid li huwa fieragħ għaliex ladarba persuna tassumi responsabbilità għal ħaġa li tkun wettqet b'mod volontarju u mhux għax ġiet imġiegħla, isegwi li għandha twettaqha. Tibbaża l-argument tagħha wkoll fuq il-prinċipju legali *pacta sunt servanda*;

34. Illi l-Qorti ssib li dan l-aggravju mhux mistħoqq. Minn qari tas-sentenza appellata, joħroġ ċar li l-ewwel Qorti tat piż għall-istqarrija li l-appellanta ffirmat fl-1 ta' Ġunju, 2012, u qieset li hija daħlet għall-obbligazzjoni li tagħmel tajjeb għall-flejjes li minnhom kienet responsabbli liberalment, mingħajr ma ġiet imġiegħla u minkejja li ġie suġġerit lilha biex tieħu parir legali qabel ma tiffirmaha;

35. Illi bħala manaġer, l-ewwel Qorti qieset li l-appellanti kellha l-obbligu li tassigura li l-qligħ jiġi depożitat fil-kont bankarju tal-appellata. L-ewwel Qorti qieset ukoll li, tul is-smigħ tal-kawża, l-appellanti ma kinetx f'qagħda li tagħti raġunijiet għaliex il-flejjes ma ġewx depożitati kollha fl-imsemmi kont. Minkejja dan, l-ewwel Qorti ma qisetx li l-appellanti kellha twieġeb għall-ammont li dwarhom l-appellata naqset li tagħti spjegazzjoni tajba jew li dawk il-pretensjonijiet li ma dehrux mistħoqqa;

36. Illi l-Qorti tqis li l-mottivi msemmija mill-ewwel Qorti huma kollha minnhom. Ma' dan iżżid li l-appellanti donnha tipprova tiġġustifika d-diskrepanza fl-ammont li ġie depożitat minħabba l-fatt li hi ma kinetx tiftaħ l-envelope tal-flus qabel ma tiddepożitahom[22]. Donnha tagħti x'tifhem li fl-envelopes, li kienu jimtlew ta' kuljum mill-istaff tal-istabbiliment, seta' ma kienx ikun fihom l-ammont sħiħ ta' dak li kellu jiġi depożitati. Il-Qorti tqis illi wkoll kieku dan huwa minnu, ir-responsabbiltià aħħarija għad-depożiti

[22] Ara paġġ. 679 u 733

tal-flejjes fil-kont tal-appellata mid-dħul tal-bejgħ ta' kuljum kienet responsabbilità li l-appellanti ma tistax taħrab minnha;

37. Illi dwar il-kitba, din il-Qorti għandha l-istess fehma li fissret l-ewwel Qorti. Il-kliem li l-appellanti għażlet li tiffirma għalih kien ċar u dik il-kitba ħalqet rabta li hija trodd lura kull ma jirriżulta li kien nieqes mid-depożiti li messhom saru minnha. Ma jiswa xejn li l-appellanti tipprova tbenġel l-effetti tal-kitba wara li ffirmatha, meta ngħatatilha kull opportunità biex tqisha sewwa qabel tqiegħed il-firma tagħha u li saħansitra turiha lil min seta' taha parir qabel tiffirmaha. Għaldaqstant dan l-aggravju sejjer jiġi miċħud ukoll;

38. Illi għalhekk, l-aggravji kollha tal-appellanti mis-sentenza appellata ma jirriżultawx li huma mistħoqqa u mhux sejrin jintlaqgħu;

**Decide**

39. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** u tikkonferma għal kollox is-sentenza appellata tas-16 ta' Jannar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** tal-appell jitħallsu

mill-appellanti, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jibqgħu regolati skont is-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb